***Kunsill Lokali Marsaskala***
Ġnien Sant'Anna, Pjazza Dun Tarċis Aguis, Marsaskala
Tel : 21637171, Fax : 21637744,
E-mail : marsaskala.lc@gov.mt

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Marsaskala**

**IT-TMIEN LEĠISLATURA**

**Laqgħa Numru 62**

**It-Tnejn 6 ta' Mejju 2024.**

Il-Kunsill Lokali Marsaskala għamel din is-seduta ġewwa l-uffiċini tal-Kunsill fis-6.00 ta' filgħaxija.

**PREZENTI:**

Mario Calleja – Sindku
Mary Rose Mifsud- Kunsillier
John Schembri - Kunsillier
Charlot Mifsud – Kunsillier
Janice Falzon – Viċi Sindku
Errol Cutajar – Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A(3):**
Patrick Camilleri-Kunsillier
John Baptist Camilleri- Kunsillier

**ASSENTI:**
Ryan Portelli- Kunsillier

**UFFIĊJAL PREZENTI:**

Josef Grech – Segretarju Ezekuttiv

| | |
|---|---|
| **62.1** | ***Qari t'aploġija:***<br><br>Is-Segretarju Eżekuttiv qal li kien hemm ittri t'apoloġija tal-Kunsillier is-Sur John B Camilleri u ta' Dr Patrick Camilleri. |
| **62.2** | ***Kunsiderazzjoni u Approvazjoni tal-Minuti: Laqgħa 61 li saret Nhar it-Tnejn 8 t'April 2024:*** |
| **62.2.1** | ***Korrezzjoni tal-Minuti:*** |
| **62.2.1.1** | Is-Sindku s-Sur Mario Calleja tkellem fuq paġna 3 artiklu 61.2.2.2 għandha tinbiddel u issir kif ġej:<br><br>''Is-Sindku tkellem fuq paġna 4 paragrafu 60.2.2.9 fejn qal li l-modifikazzjoni fi Triq ix-Xatt faċċata tas-Summer nights ħadmet għaliex ma telgħax l-ilma.'' |
| | **Il-minuti ġew unanimament approvati u ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv bħala dokument korrett.**<br><br>Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud ippropona l-approvazzjoni tal-minuti bħala dokument korrett u ssekonda l-Kunsillier il-Perit John Schembri. Il-votazzjoni kienet 5 favur, 0 kontra, 0 astenzjoni. |
| ➢ | Il-Kunsillier Dr Errol Cutajar daħal għal laqgħa fis-18:20 |
| **62.2.2.1** | ***Matters Arising tal-Laqgħa 60 li saret Nhar it-Tnejn 6 ta' Mejju 2024:*** |
| **62.2.2.2** | Is-Sindku s-Sur Mario Calleja tkellem fuq paġna 3 artiklu 61.3.2 u qal illi flok metrosiders saru pjanti differenti liema pjanti ma nxtrawx imma inagħatw lilna min project green. |
| **62.2.2.3** | Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud tkellem fuq paġna 2 artiklu 61.2.3 staqsa jekk il-ħajt tas-sejjiegħ bdewħx.<br><br>Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi għadhom ma bdewx. |
| **62.2.2.4** | Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud tkellem fuq paġna 3 artiklu 61.3.1 staqsa kellniex risposta rigward il-*container*.<br><br>Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Janice Falzon qalet hi ma ratux.<br><br>Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi dan il-kontainer qiegħed ma gallarija u dik kontra il-liġi u għalhekk nistgħu nkellmu lill Pulizija dwar dan. |
| **62.2.2.5** | Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud qal illi arukaza t-trakk tal-ħaxix li jiġi l-Ħadd qed iħalli l-kaxxi kif ukoll l-qsari fuq il-bus stop.<br><br>Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi diġa informa lill Pulizija. |
| **62.3** | **Komunikazzjoni mis-Sindku:** |
| **62.3.1** | **Xiri ta' sufan ghar reception tal-Kunsill:**<br><br>Is-Segretarju Ezekuttiv ipprezenta l-kwotazzjonijiet biex isir is-sufan fir-reception tal-Kunsill. |

| | |
|---|---|
| | It-tappizar -€5000<br>Joanne - FGR110710- €5220.00<br>Duncan's Upholstery - 22/24 - €4720.00<br><br>Kien hemm qbil li din l-offerta tingħata lil irħas offerent Duncan's upholstery u jsir tal-microfibre. |
| **62.3.2** | **<u>Tiġdid tal-kuntratt man-Notebook Centre:</u>**<br><br>Is-Segretarju Ezekuttiv is-Sur Josef Grech qal illi dan il-kuntratt issa għalaq pero jidher li kien hemm konkorrenza tajba.<br><br>Kien hemm qbil unanimu li l-kuntratt jiġedded. |
| **62.3.3** | **<u>AGM Douzelage:</u>**<br><br>Is-Sindku s-Sur Mario Calleja flimkien mal-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud u s-segretarju Rebecca Micallef qal illi attenda l-laqgħa ġenerali tad-Douzelage kien hemm l-elezzjoni fejn inħatar president u tlett Viċi Presidenti. Is-Sindku qal illi bħala President inħatar is-Sur Shan Smith mill-Irlanda u tlett Viċi Presidenti, is-Sinjura Maria Rocco minn Rovinj Croatia, is-Sinjura Evelin Koey minn Tryavna Bulgaria u is-Sur Thorston Wohleser minn Judinburg Awstrija. |
| **62.3.4** | **<u>Laqgha Park Nazzjonali tal-Inwadar:</u>**<br><br>Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi kellhom laqgħa b'urġenza tal-park nazzjonali tal-inwadar biex tintbgħat ittra lil-Ministru. |
| **62.3.5** | **<u>Kalamiti mir-Reġjun:</u>**<br><br>Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi hu flimkien mall-Kunsilliera is-Sinjorina Mary Rose Mifsud u s-Sur Charlot Mifsud attendnew għal laqgħa tar-Reġjun fejn introduċew il-kalamiti li ser ikollu kull Kunsill biex inkunu nistgħu nixtru minnhom. |
| **62.3.6** | **<u>Manager ġdid tal-GAL Xlokk:</u>**<br><br>Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal li kellu laqgħa mall-Manager ġdid tal-Gal Xlokk u iddiskutew l-pakkett finanzjarju ġdid u kif ser inġibu € 25,000 għall-ġonna. |
| **62.3.7** | **<u>Konferenza mall-Ministeru tal-Kultura u sajd:</u>**<br><br>Is-Sindku s-Sur Mario Calleja attenda l-konferenza mall-Ministeru tal-Kultura u Sajd u offrew 50 siġra taċ-ċitru jew taz-zebbuġ u għal kull siġra li nħawwlu jtuna lura €10 fuq kull siġra. |
| **62.3.8** | **<u>MOU bejn il-Kunsill u Public Works:</u>**<br><br>Is-Sindku s-Sur Mario Calleja flimkien mall-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud u l-Viċi Sindku s-Sinjorina Janice Falzon attendew l-MFCC fejn sar ftehim bejn il-Kunsill u l-Ministeru tax-xogħolijiet ta' 10 miljuni lill-Kunsilli li jistaw jissarfu f'bankini, patching u storm water culverts.<br><br>Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Janice Falzon qalet illi għal kull proġett is-survey irid isir mill-Perit tal-Kunsill. |
| **62.3.9** | **<u>Laqgħa mall Gal Xlokk:</u>**<br><br>Laqgħa mal-Grupp Azzjoni lokali tax-Xlokk. |

| | |
|---|---|
| 62.3.10 | **<u>Mixja għall-Awtizmu:</u>**<br><br>Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi ipparteċipa għal mixja mall-promenade għall awtizmu. |
| 62.3.11 | **<u>Laqgħa mas-Sur Joe Fleri Soler:</u>**<br><br>Is-Sindku s-Sur Mario Calleja flimkien mall-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud Iltaqaw mas-Sur Joe Fleri Soler rigward il-mappa ta` Marsaskala. |
| 62.3.12 | **<u>Laqgħa mall-OPM:</u>**<br><br>Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi ġew diskussi l-caravans pero id-deċizjoni baqgħet l-istess illi l-Lokalita' tagħna ma tilqax caravans għaliex m'hawnx fejn. |
| 62.4 | **<u>Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera:</u>**<br><br>Ma kien hemm l-ebda mistoqsija. |
| 62.5 | **<u>Rapporti:</u>** |
| 62.5.1 | **<u>Rapport ta' kull kwart minn Jannar-Marzu 2024.</u>**<br><br>Is-Segretarju Ezekuttiv is-Sur Josef Grech qara u spjega r-rapport ta' kull kwart. |
| 62.5.2 | **<u>Approvazzjoni tal-Financial statements hekk kif approvati mill-Awdituri:</u>**<br><br>***Il-Kunsillier is-Sinjura Mary rose Mifsud ippropona l-approvazzjoni tal-financial statements hekk kif approvati mill-awdituri u l-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud issekonda. Il-votazzjoni kienet 6 favur, 0 kontra, 0 astenzjoni.*** |
| 62.6 | **<u>Items ohra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa:</u>**<br><br>Ma kienx hemm items oħra. |
| 62.7 | **<u>Korrispondenza:</u>** |
| 62.7.1 | **<u>Kuntratt grass cutting non urban roads jinhadem bil-haddiema tal-Kunsill:</u>**<br><br>Is-Segretarju Ezekuttiv is-Sur Josef Grech qal irid li tittieħed deċizjoni għaliex hu ser iħalli dan il-kuntratt jiġi fit-terminu tiegħu u dan jitħallas kull metru linjari skond fej nibgħatuh pero hu tal-opinjoni li l-Kunsill jieħu ċans li flok nqabbdu kuntrattur nqabbdu ħaddiem tal-Kunsill fejn jaqta l-ħaxix u jiġbor u ma noħroġux tender. Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi jkun hemm bzonn li jinxtara mutur tal-petrol.<br><br>Kien hemm qbil unanimu. |
| 62.7.2 | **<u>Ezitu tal-appell tat-Tender Parks and Gardens u l-pass li jmiss:</u>**<br><br>Is-Segretarju Ezekuttiv is-Sur Josef Grech qal illi intgħazel il-kuntrattur li kien ġie deċiz mill-bord u approvat mill-Kunsill pero kien hemm kuntrattur ieħor li appella pero li ġara kien li l-Kunsill tah 10 *working days* sabiex jappella meta suppost dawn kienu *calendar days* u għalhekk tajna jumejn zejda u hu appella fl-aħħar ġurnata u l-bord tal-appell ma riedx li jisma l-kaz għaliex inqabez iz-zmien. |

| | |
|---|---|
| | Is-Segretarju Ezekuttiv is-Sur Josef Grech qal illi l-Avukat tal-Kunsill aċċetta li l-izball sar mill-Kunsill pero xorta naċċettaw li jinstema l-appell pero anke wara li l-bord tal-appell ħadu parir fuq dan ma aċċettawx xorta u qalu li l-Avukat tal-appellant kellu jinnota dan.<br><br>Is-Segretarju Ezekuttiv is-Sur Josef Grech qal illi l-Avukat tal-Kunsill qallu biex ngħatu ċans 20 ġurnata biex naraw jekk hux ser jappella fil-Qorti.<br><br>Is-Segretarju Ezekuttiv is-Sur Josef Grech qal illi hemm zewġ opzjonijiet, waħda minnhom hi li nikkomunikaw lid-Direttur ġenerali tal-kuntratti bid-decizzjoni tal-PCRB u d-Direttur jirriversja d-deċizjoni tal-Kunsill u nmorru lura mill-bidu fejn nerġgħu niftħu il-kuntratti u nerġgħu nistaqsu għall-istess affarijiet biex din id-darba japella fil-ħin. Inkella nistennew iz-zmien biex naraw jekk hux ser idaħħalna l-Qorti.<br><br>Kien hemm qbil li nibqaw fuq il-parir tal-Avukat u nistennew iz-zmien li jinfetaħ appell.<br><br>Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi fil frattemp il-Kunsill m'għandux kuntrattur u għalhekk hemm bzonn li tinħareġ direct order lil xi ħadd ieħor li lest li jaħrat il-ġonna.<br><br>Kien hemm qbil dwar dan. |
| **62.7.3** | **<u>Progression tas-Sinjorina Chantel Zammit għal Skala 10 punt 5 minn Mejju 2024:</u>**<br><br>Kien hemm qbil unanimu dwar dan. |
| **62.7.4** | **<u>Applikazzjoni għal permess Reggimento Camp 10-11 May (35/1148/24/O}:</u>**<br><br>Is-Segretarju Ezekuttiv is-Sur Josef Grech qal illi dawn qed jitolbu no objection min naħa tal-Kunsill sabiex jisparaw fl-area tal-Batterija pero xorta waħda ser ikollhom bzonn approvazzjoni mill-Pulizija.<br><br>Kien hemm qbil unanimu. |
| **62.7.5** | **<u>Marsaskala Bocci Club imwejjed u siggijiet (35/1170/24/O}:</u>**<br><br>Is-Segretarju Ezekuttiv is-Sur Josef Grech qal illi din diġa għaddejniha pero irid ikun aktar speċifiku. Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi l-Kunsill għandu *encroachment* fuq il-ġnien kollu minbarra it-Tiffanys u l-art ta maġenbu kif ukoll il-binja biss tal-boċċi club u l-biċċa ta quddiemhom hija tal-Kunsill u għalhekk il-Kunsill ser ikollu jirrinunzja biċċa art li tinsab quddiemu u tiġi emendata l-pjanta u isir agreement ġdid biex dik il-biċċa issir tagħhom għaliex inkella ma jistax japplika għall imwejjed u siġġijiet.<br><br>Kien hemm qbil unanimu. |
| **62.7.6** | **<u>Karnival tas-Sajf f'Bugibba (35/1082/24/I}:</u>**<br><br>Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi l-Karnival tas-Sajf ġewwa Marsaskala qed jiġi pproponut għal 25 t'Awwissu 2024.<br><br>Kien hemm qbil dwar dan. |
| **62.7.7** | **<u>Prize Day Books (35/1102/24/I}:</u>**<br><br>Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi hawnhekk ġew approvati l-kotba. |
| **62.7.8** | **<u>Stimi nar tal-bahar Iljieli Skalizi 202(35/1037/24/I}:</u>** |

| | |
|---|---|
| | Is-Segretarju Ezekuttiv pprezenta tlett kwotazzjonijiet għan nar tal-baħar.<br><br>Għaqda tan-Nar 25 ta' Novembru Zejtun - €4500<br>Għaqda tan-Nar 22 ta' Frar Birzebbugia - €3890<br>Għaqda Nar Paroċċa Sant'Anna - €3000<br><br>Kien hemm qbil li l-kwotazzjoni tingħata l-Grupp nar parroċċa Sant Anna Marsaskala għaliex humaw l-irħas. |
| **62.7.9** | **<u>Triq il-Granmastri sleeping policeman (35/1045/24/I}:</u>**<br><br>Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi din il-persuna qed tgħid li hemm bzonn li issir sleeping policeman fi Triq il-Granmastri k/m Triq is-Sallur u jahseb li hemm bzonnha<br><br>Kien hemm qbil dwar dan u li napplikaw lil TMalta. |
| **62.7.10** | **<u>Notification of receipt of fresh drawings (35/0911/24/I}:</u>**<br><br>Is-Segretarju Ezekuttiv is-Sur Josef Grech qal illi l-Kunsill diġa ħa deċizjoni dwar dan pero jkunu saru xi emendi zgħar u l-Kunsill ikun infurmat bihom. Il-Kunsill baqa bl-istess deċizjoni rigward dan il-proġett. |
| **62.8** | **<u>Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' Pagamenti:</u>** |
| **62.8.1** | Is-Segretarju Ezekuttiv ipprezenta pagamenti li dahlu tard u ser jghaddu b'urgenza:<br><br>Standard Publications – Inv 104482 – Advert -€60.42<br>Progressive Solutions – Inv MLC56 - €2252.96 – Parks and gardens from 1st March to 17th March and less 5% default notice - €2252.96.<br>WM Environmental Ltd – Inv MLCSS40, €7309.21 MLCSS41 €7309.21 MLCSS42 €7309.21 ,MLCSS43 €7309.21.<br>Eco pure Ltd – Inv 1070684 – Water - €13.50<br>Mr Ronald Briffa – Renting of garage from 1 March to August and electricity - €1100.00<br>Mr Jonathan Gilson – Maintenance Public convenience - €578.20 |
| **62.8.2** | Is-Segretarju Ezekuttiv is-Sur Josef Grech informal lill Kunsill illi l-Kuntrattur tal-ġonna Progressive Solutions ġie terminat fis 17 ta' Marzu 2024 u sa dakinhar l-kont ġie jammonta għal €2371.74 pero l-Contracts Manager ġibed l-attenzjoni għan-nuqqasijiet li kien hemm fosthom siġar li ma nzabrux sewwa, kien hemm drabi li kellu jċempel biex jibgħatulu l-ħaddiema eċċ u għalhekk qed jitlob li jitnaqsulu 5% mill-kont .<br><br>Kien hemm qbil li jinqatgħu 5% mill-kont finali. |
| **62.8.3** | Is-Segretarju Ezekuttiv is-Sur Josef Grech spjega lilli kien hemm zball għaliex il-pagament tal-WM environmental laħaq thallas bi zvista qabel ma għaddha quddiem il-Kunsill. |
| | ***Il-Kunsillier is-Sinjorina Mary Rose Mifsud ipproniet l-approvazzjoni tal-pagamenti u l-Kunsillier is-Sinjura Janice Falzon issekondat. Il-votazzjoni kienet 6 favur, 0 kontra, 0 astenzjoni*** |
| **62.9** | ***<u>Mozzjonijiet:</u>*** |
| **62.9.1** | **<u>Mozzjoni b'urgenza mressqa mill-Vici Sindku – is-Sinjorina Janice Falzon u issekondata mis-Sindku s-Sur Mario Calleja (172-6/4/24):</u>** |

| | |
|---|---|
| | *"Tipproponi li l-Kunsill Lokali juża l-iskema Il-Binja Tiegħi, id-Dar Tiegħi tal-Awtorità tad-Djar sabiex issir manutenzjoni u riġenerazzjoni tal-partijiet komuni tat-tliet blokok ta' akkomodazzjoni soċjali (A, B u Ċ) f'Qasam tal-Bujar, fi Triq il-Qrempuċ u Triq l-Iskal. Ir-residenti għandhom jagħżlu amministratur sabiex imbagħad wara l-Kunsill Lokali japplika biex jinkisbu l-fondi għax-xogħol li huwa meħtieġ isir"*<br><br>Il-Kunsill qabel li nġibu il-kwotazzjonijiet.<br><br>Il-Vici Sindku s-Sinjorina Janice Falzon qalet li din informat ruha fuqha u l-Kunsill kull ma jrid hu li jara l-kwotazzjonijiet li jġib l-amministrattur li għamlu sens u japprovahom umbagħad isir ix-xogħol jiġu tal-housing jivverifikaw u l-flus jinħargu lill Kunsill. Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Janice Falzon qalet li l-Kunsill irid japplika għal din l-iskema.<br><br>Is-Sindku s-Sur Mario Calleja staqsa jekk l-amministrattur hux lest li jiġi l-Kunsill u jgħati id-dettalji tiegħu.<br><br>Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Janice Falzon qalet illi iva u l-kwotazzjonijiet iġibhom l-amministrattur.<br><br>Kien hemm qbil li l-Kunsill japplika għal din l-iskema. |
| **62.9.2** | **<u>Mozzjoni b'urgenza mressqa mill-Vici Sindku – is-Sinjorina Janice Falzon u issekondata mis-Sindku s-Sur Mario Calleja (173-6/4/24):</u>**<br><br>*"Tipproponi li l-Kunsill Lokali jitlob l-assistenza tal-Enemalta sabiex ikun hemm dawl adekwat fi Triq il-Vjola. Parti mhux żgħira minn din it-triq ma għandhiex bozoz jew fanali bil-konsegwenza li kif tinżel ix-xemx tkun fi dlam ċappa. Ix-xogħol biex din il-parti tat-triq tinxtegħel għandu jwassal għal ambjent aħjar f'din it-triq, aktar sigurtà għal min jużaha u jonqos ir-riskju ta' abbuż."*<br><br>Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi din kien ħadem fuqha l-Kunsillier is-Sur John B Camilleri u tajjeb nitkellmu miegħu. |
| **62.10** | **<u>Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.</u>**<br><br>L-Aġenda ġiet eżawrita kollha u l-laqgħa spiċċat fit-7.30pm. Il-laqgħa tal-Kunsill li jmiss ser issir Nhar il-Ħamis 30 ta' Mejju 2024 fis-6pm.<br><br>Ikkonfermat illum 6 ta' Mejju 2024.<br><br>IFFIRMAT IFFIRMAT<br><br>**Josef Grech** **Mario Calleja**<br>**Segretarju Ezekuttiv** **Sindku** |